# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 42/2013

## tas-17 ta' Jannar 2013

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1510/96 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1510/96 tas-26 ta' Lulju 1996 dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda [2], qoxra tal-plastik li fiha żugraga tal-plastik u chewing gum ġiet ikklassifikata taħt il-kodiċi tan-NM 9503 90 32 fir-rigward taż-żugraga u taħt il-kodiċi tan-NM 1704 10 99 fir-rigward taċ-chewing gum. Bħala konsegwenza tal-introduzzjoni tan-Nota nru 4 fil-Kapitolu 95 tan-Nomenklatura Magħquda b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, dawk l-oġġetti għandhom jiġu kklassifikati flimkien bħala kombinazzjonijiet li għandhom il-karatteristiċi essenzjali ta' ġugarell taħt il-kodiċi tan-NM 9503 00 95.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1510/96 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-ewwel oġġett tat-tabella li hemm fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1510/96 huwa mibdul bit-test stabbilit fl-anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1; Edizzjoni Speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali bil-Malti, Kapitolu 02, Volum 02, p. 382.
[2] ĠU L 189, 30.7.1996, p. 89; Edizzjoni Speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali bil-Malti, Kapitolu 02, Volum 07, p. 203.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Kapsula tal-plastik, f'żewġ biċċiet, li fiha:<br>— żugraga tal-plastik b'dijametru ta' 2,5 cm,<br>— chewing gum f'għamla ta' boċċa miksija biz-zokkor b'kontenut ta' zokkor tal-kannemieli bil-piż ta' 69,5 % (inkluż zokkor invertit espress bħala zokkor tal-kannemieli). | 9503 00 95 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1, 5(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 4 tal-Kapitolu 95 u mill-kliem tal-Kodiċi tan-NM 9503 00 u 9503 00 95.<br><br>Iż-żugraga u ċ-chewing gum ma jistgħux jitqiesu bħala "oġġetti mtellgħin għal bejgħ bl-imnut" skont it-termini tar-Regola Ġenerali 3(b), għax mhumiex ippreżentati flimkien biex jissodisfaw ħtieġa partikolari jew iwettqu attività speċifika. Mhumiex relatati wieħed mal-ieħor u mhumiex maħsubin biex jintużaw flimkien jew b'rabta ma' xulxin (iċ-chewing gum huwa prodott konsumibbli, filwaqt li ż-żugraga hija ġugarell).<br><br>Iż-żugraga hija oġġett tal-intestatura 9503 ippreżentat flimkien maċ-chewing gum tal-intestatura 1704, u t-tlaqqigħ tagħhom għandu l-karatteristika essenzjali ta' ġugarell (ara wkoll in-Noti ta' Spjega tan-NM għan-Nota 4 tal-Kapitolu 95).<br><br>Minħabba li l-kapsula tal-plastik hija materjal tal-ippakkjar tat-tip li normalment jintuża fl-ippakkjar ta' oġġetti bħal dawn, għandha tiġi kklassifikata taħt l-istess kodiċi bħall-oġġetti.<br><br>Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 9503 00 95 bħala ġugarelli oħrajn tal-plastik. |